II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

### tal-11 ta' Mejju 2012

### dwar l-eżami minn konferenza ta' rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-emenda għat-Trattati proposta mill-Gvern Irlandiż fil-forma ta' Protokoll dwar it-tħassib tal-poplu Irlandiż dwar it-Trattat ta' Lisbon, li jiġi anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u sabiex ma tissejjaħx Konvenzjoni

(2013/106/UE)

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 48(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta għall-emenda tat-Trattati ppreżentata lill-Kunsill mill-Gvern Irlandiż fl-20 ta' Lulju 2011 u ppreżentata lill-Kunsill Ewropew mill-Kunsill fit-12 ta' Ottubru 2011,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew sabiex ma tissejjaħx Konvenzjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara n-notifika tal-proposta lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea [3],

Billi:

(1) Fit-18-19 ta' Ġunju 2009, il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern tas-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill Ewropew, adottaw Deċiżjoni dwar it-tħassib tal-poplu Irlandiż dwar it-Trattat ta' Lisbona u ddikjaraw li, fil-mument tal-konklużjoni tat-Trattat ta' adeżjoni li jmiss, ser jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet ta' dik id-Deċiżjoni fi protokoll li jiġi anness, f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom, mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(2) Fl-20 ta' Lulju 2011, il-Gvern Irlandiż ippreżenta, f'konformità mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 48(2) tat-TUE, proposta għall-emenda tat-Trattati fil-forma ta' Protokoll dwar it-tħassib tal-poplu Irlandiż dwar it-Trattat ta' Lisbona.

(3) Fit-12 ta' Ottubru 2011, f'konformità mat-tielet sentenza tal-Artikolu 48(2) tat-TUE, il-proposta tal-Gvern Irlandiż ġiet ippreżentata mill-Kunsill lill-Kunsill Ewropew. Hija ġiet ukoll innotifikata lill-parlamenti nazzjonali.

(4) Fil-laqgħa tiegħu fit-23 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill Ewropew iddeċieda, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 48(3) tat-TUE, li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni dwar l-emendi proposti. Huwa ddeċieda wkoll, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 48(3) tat-TUE, li jitlob il-kunsens tal-Parlament Ewropew sabiex ma tissejjaħx Konvenzjoni ladarba, fil-fehma tiegħu, is-sejħa ta' tali Konvenzjoni ma kinitx ġustifikata mill-portata tal-emendi proposti.

(5) Fit-18 ta' April 2012, il-Parlament Ewropew adotta opinjoni favorevoli dwar l-emendi proposti. Huwa ta wkoll il-kunsens tiegħu biex ma tissejjaħx Konvenzjoni minħabba li din ma tkunx ġustifikata mill-portata tal-emendi proposti. Fl-4 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni adottat opinjoni favorevoli dwar l-emendi proposti.

(6) Għaldaqstant, huwa l-każ li, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 48(3) tat-TUE, il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi li konferenza ta' rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri għandha teżamina l-emendi proposti mill-Gvern Irlandiż, jiddefinixxi t-termini ta' referenza tal-konferenza u jiddeċiedi li ma jsejjaħx Konvenzjoni,

[1] Kunsens tat-18 ta' April 2012 (għadu mhuwiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).
[2] Opinjoni tat-18 ta' April 2012 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[3] Opinjoni tal-4 ta' Mejju 2012 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kunsill Ewropew b'dan jiddeċiedi li konferenza ta' rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri għandha teżamina l-emendi proposti mill-Gvern Irlandiż fil-forma ta' Protokoll dwar it-tħassib tal-poplu Irlandiż dwar it-Trattat ta' Lisbona, li jiġi anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fit-test kif mehmuż ma' din id-Deċiżjoni, li ser jikkostitwixxi t-termini ta' referenza tal-imsemmija konferenza. Fid-dawl tal-portata tal-emendi proposti, mhijiex ser tissejjaħ Konvenzjoni taħt l-Artikolu 48(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Mejju 2012.

*Għall-Kunsill Ewropew*

*Il-President*

H. VAN ROMPUY